MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1293/2002

**Andrews Feeds (Malta) Ltd.**

**vs**

**Saviour Grima**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` Maltija “Andrews Feeds (Malta) Limited” hija kreditrici tal-konvenut Saviour Grima fl-ammont ta’ disat elef tmien mija erbatax il-lira Maltija u erbgha u erbghin centezmi (Lm9,814.44) rapprezentanti alf ordnat u konsenjat lill-konvenut;

Illi s-socjeta` attrici talbet lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disat elef tmien mija u erbatax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmi (Lm9,814.44) inkluz l-imghax legali minn Gunju 2000;

Bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Peter Gatt u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------